

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' Marzu 2013 (Każ Nru R 748/2012-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Husky CZ s.r.o. u Husky of Tostock Ltd.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Husky CZ s.r.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 207, 20.07.2013.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-12 ta' Frar 2015 – Vita Phone vs UASI

(Kawża T-318/13) (<sup>1</sup>)

[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali LIFEDATA — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b), u Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Nuqqas ta' evalwazzjoni konkreta — Obbligu ta' motivazzjoni”]

(2015/C 107/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrenti: Vita Phone GmbH (Mannheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Ruess u A. Doepner-Thiele, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: G. Marten u G. Schneider, aġenti)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Marzu 2013 (Każ R 1072/2012-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali LIFEDATA bħala trade mark Komunitarja.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Vita Phone GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 226, 3.8.2013.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-12 ta' Frar 2015 – Klaes vs UASI – Klaes Kunststoffe (Klaes)

(Kawża T-453/13) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali Klaes — Trade mark Komunitarja figurattiva anterjuri Klaes — Raġuni relativa għal rifjut — Riskju ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2015/C 107/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

Rikorrenti: Horst Klaes GmbH & Co. KG (Bad Neuenahr-Ahrweiler, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. Dix, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti ġeneral: Klaes Kunststoffe GmbH (Neuenrade, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment minn J. Schneider, sussegwentement minn S. Schweyer, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra l-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Ġunju 2013 (Każ R 1206/2012-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Horst Klaes GmbH & Co. KG u Klaes Kunststoffe GmbH.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Horst Klaes GmbH & Co. KG tħalli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk inkorsi mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).
- 3) Klaes Kunststoffe GmbH tħalli l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 313, 26.10.2013

### Digriet tal-Qorti ġeneral tat-28 ta' Jannar 2015 – Kicks Kosmetikkedjan vs UASI – Kik Textilien (KICKS)

(Kawża T-531/13) (<sup>1</sup>)

("Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2015/C 107/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Kicks Kosmetikkedjan AB (Stokkolma, l-Isvezja) (rappreżentanti: K. Strömholm, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: I. Harrington, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Kik Textilien und Non-Food GmbH (Bönen, il-Ġermanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-25 ta' Lulju 2013 (Każ R 992/2012-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kik Textilien und Non-Food GmbH u Kicks Kosmetikkedjan AB.

### Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni.